II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-10 ta' Lulju 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael

(2007/585/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika ma' l-Istat ta' l-Iżrael li jipprovdi wkoll għall-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim imġedded mill-1 ta' Jannar 2007. Applikazzjoni provviżorja tkun tippermetti lill-entitajiet Iżraeljeni sabiex jipparteċipaw fl-ewwel sejħiet għall-proposti taħt is-Seba' Programm Kwadru.

(2) Ir-riżultat tan-negozjati kien l-abbozz ta' Ftehim li kien inizjalat fil-15 ta' Frar 2007 mir-rappreżentanti awtorizzati taż-żewġ Partijiet.

(3) Huwa meħtieġ li jiġi ffirmat il-Ftehim u li jiġi applikat provviżorjament, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael u tad-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża mal-Ftehim huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael għandu jiġi applikat provviżorjament.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni li l-Komunità ser tieħu fil-Kumitat ta' Riċerka KE/Iżrael imwaqqaf bl-Artikolu 4 tal-Ftehim fir-rigward ta' deċiżjonijiet skond it-Taqsima I.1 ta' l-Anness I mal-Ftehim dwar l-applikabbiltà fl-Iżrael tar-regoli għat-twaqqif ta' l-istrutturi legali maħluqa taħt l-Artikoli 169 u 171 tat-Trattat KE.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni li l-Komunità ser tieħu fil-Kumitat ta' Riċerka KE/Iżrael imwaqqaf bl-Artikolu 4 tal-Ftehim fir-rigward ta' deċiżjonijiet skond l-Artikolu 4(2) tal-Ftehim li jidentifika r-reġjuni ta' l-Iżrael li jistgħu jkunu reġjuni eliġibbli li jibbenifikaw minn attivitajiet ta' riċerka li jaqgħu taħt il-Programm ta' Ħidma "Research Potential" u taħt il-programm speċifiku "Capacities"

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007

Għall-Kunsill
Il-President
F. TEIXEIRA DOS SANTOS